ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2025

Talba Nru: CCT232/24DS

Glen Muscat

Vs

Direct Vision

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-29 ta' Ottubru, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' tlett mija u tlieta u disgħin Ewro (€339) minħabba illi l-Apple Watch li xtara mingħandha kien difettuż b'mod illi kkorroda minn ġewwa;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-25 ta' Novembru, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sustanza huma s-segwenti. L-attur xtara Apple Watch mingħand is-soċjeta' intimata fl-20 ta' Ottubru, 2022 liema arloġġ waqaf jaħdem f'Awwissu tal-2024. Meta ħadu għat-tiswija qalulu li l-prodott ma kellux problemi għaliex kien xegħel u fil-fatt huwa baqa jaħdem sakemm l-attur innota illi qiegħed idum biex jiċċarġja u reggħa ħadu għat-tiswija pero' qalulu illi l-ammont ta' ħin illi qiegħed jieħu kien normali. Finalment l-Apple watch beda juri sinjal ta' overheating u meta ttieħed għal darb'oħra għat-tiswija qalulu li kellu jiġi ċċekkjat internament. F'dan l-istant instab illi l-prodott kien kkorroda internament.

Meta prodott ikun ikkorrodu u għaldaqstant ikun mess miegħu l-ilma b'xi mod, dan ma jkunx aktar kopert bil-garanzija. L-attur qal illi huwa pretenda illi la jkun fil-perjodu ta' garanzija jkun protett xorta waħda pero' din il-limitazzjoni fil-garanzija toħroġ mill-fatt illi l-prodott huwa *water resistant* u mhux *water proof* u għaldaqstant jekk l-arloġġ jintlaqat jew ikun intuża ħażin u jidħollu l-ilma dan ma jkunx kopert.

L-attur jgħid illi kien biss f'Awwissu tal-2024 illi l-arloġġ waqaf u ma ġab l-ebda prova illi l-prodott ikkorroda minħabba difett mill-prodott illi kien jinsab hemmhekk mill-bidu. Minn naħa l-oħra ġie kkonstatat illi l-arloġġ kellu grif u anka '*a small dent on the display'* mid-damage assessment illi għamlu Direct Vision fil-5 ta' Awwissu, 2024, li għaldaqstant jista' jagħti l-każ illi din tkun ġiet kaġunata mill-possibilita illi l-arloġġ intlaqat mill-attur. Kien hemm grif eżistenti anki fuq iċ-ċinga tal-arloġġ u fuq il-wiċċ illi wkoll jagħtu wieħed x'jifhem illi setgħa kien hemm użu ħażin tal-prodott li wassal sabiex jikkaġuna l-ħsara fl-aroġġ b'mod illi setgħa jippenetra l-ilma.


Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal m'huwiex moralment konvint illi dan il-prodott kien difettus u ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi, kemm mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.



Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru